**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex iħassar l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni u biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet u biex jipprovdi dwar materji li huma inċidentali għalihom jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej :-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2009 li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' l-Att.

**TAQSIMA I**

**TĦASSIR TA' L-ATT DWAR IR-RADJOKOMUNIKAZZJONI**

**2.** (1) Din it-Taqsima tħassar l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni: Tħassir ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni.

Iżda kull regolamenti u leġislazzjoni sussidjarja

Kap. 49.

oħra magħmula taħt xi disposizzjoni ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni għandhom, sakemm issir xi disposizzjoni oħra taħt jew bis-saħħa ta' xi Att, jibqgħu fis-seħħ u jkollhom effett bħallikieku saru taħt it-Taqsima IV ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Kap. 399.

Liċenzi u awtorizzazzjonijiet taħt l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni.

(2) Kull liċenza jew awtorizzazzjoni tkun kif tkun deskritta maħruġa jew li tkun tapplika taħt l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jibqa' jkollha effett kif hemm fid-disposizzjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi:

Iżda kull dritt ikun kif ikun deskritt dovut dwar xi liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa kif hemm fl-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, għandu jkun jista' jibqa' jinġabar, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, bħallikieku kien dovut kif hemm fid-disposizzjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Azzjoni regolatorja taħt l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni għandu jibqa' fis-seħħ għall-fini ta' kull proċediment mibdi jew li għad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolamenti magħmulin taħtu meta jidħol fis-seħħ dan l-artikolu.

(4) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

## TAQSIMA II

## EMENDA TA' L-ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI

Emenda ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Kap. 399.

**3.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' l-Att.

**4.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar .

Tħassir ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**5.** (1) Taqsimiet IV, V, VI u VII ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala t-Taqsimiet V, VI, VII u VIII, u l-artikoli 28 sa 43 għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 38 sa 53 rispettivament.

Enumerazzjoni mill-ġdid tat-Taqsimiet IV, V, VI u VII u żjieda ta' Taqsima IV ġdida ma' l-Att prinċipali.

(2) Minnufih wara l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali, għandha tiżdied din it-Taqsima IV ġdida li ġejja:

**"TAQSIMA IV**

**RADJOKOMUNIKAZZJONI**

Tifsir.

28. (1) F'din it-Taqsima kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"apparat" tfisser kull apparat, inkluż kull tagħmir jew makkinarju ikun kif ikun deskritt, intiż għar-radjokomunikazzjoni u tinkludi kull parti komponenti ta' apparat bħal dak;

"apparat għar-riċezzjoni tax-xandir" tfisser kull apparat użat jew li jista' jintuża għar-riċezzjoni ta' trażmissjonijiet ta' smigħ jew ta' stampa viżwali jew ta' smigħ u stampa viżwali maħsuba għar-riċezzjoni diretta mill-pubbliku in ġenerali;

"awtorizzazzjoni" tinkludi awtorizzazzjoni individwali jew liċenza tkun kif tkun deskritta maħruġa taħt din it-Taqsima, jew kull awtorizzazzjoni ġenerali tkun kif tkun deskritta li tkun tapplika għal xi apparat ta' radjokomunikazzjoni hekk kif jista' jiġi provdut b'din jew taħt din it-Taqsima;

"awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser il-qafas stabbilit b'din jew taħt din it-Taqsima li jistipula d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' persuni li jkunu qegħdin jużaw xi apparat ta' radjokomunikazzjoni bħal dak li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien u kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima isemmi b'ordni fil-Gazzetta li jkunu koperti b'awtorizzazzjoni ġenerali;

"liċenza individwali ta' radjokomunikazzjoni" tfisser liċenza individwali li tingħata kif hemm fl-artikolu 30 jew fl-artikolu 32 kif jista' jkun il-każ;

"radjokomunikazzjoni" tfisser l-emissjoni jew ir-riċezzjoni, fuq passaġġi li m'humiex provduti b'xi ħaġa materjali mibnija jew irranġata għal dak l-għan, ta' enerġija elettro-manjetika li sservi sabiex jintbagħtu messaġġi, smigħ jew stampi viżwali (sew jekk il-messaġġi, is-smigħ jew l-istampi jkunu attwalment riċevuti minn xi persuna sew jekk ma jkunux), jew tintuża f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-pożizzjoni, direzzjoni jew distanza, jew biex tinkiseb informazzjoni dwar il-preżenza, assenza, pożizzjoni jew moviment, ta' xi ħaġa jew ta' diversi oġġetti ta' kull klassi u riferenza għal apparat jew installazzjoni għar-radjokomunikazzjoni tkun kif tkun deskritta għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal apparat jew installazzjonijiet għall-emissjoni jew ir-riċezzjoni ta' dik l-enerġija elettro-manjetika kif hawn qabel imsemmi:

Iżda meta xi apparat ikun elettrikament akkoppjat ma' xi installazzjoni li tagħti bidu, tittrażmetti jew twassal stampi viżwali għall-fini li xi persuna tkun tista' tirċievi xi waħda minn dawn l-istampi viżwali (sew jekk dik l-istallazzjoni tkun istallazzjoni għar-radjokomunikazzjoni sew jekk ma tkunx) l-apparat hekk akkoppjat għandu fih innifsu jitqies għall-fini ta' din it-Taqsima li jkun apparat għar-radjokomunikazzjoni;

"Taqsima" tfisser din it-Taqsima ta' l-Att u tinkludi kull regolamenti magħmulin taħtha kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

(2) Għall-fini ta' din it-Taqsima kull apparat li ordinarjament jintuża bħala parti komponenti distintiva ta' apparat għar-radjokomunikazzjoni għandu jitqies li jkun maħsub li hekk jintuża, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja.

Delega ta' setgħat taħt din it-Taqsima.

29. (1) Il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jiddelega kull waħda mis-setgħat jew funzjonijiet tiegħu taħt din it-Taqsima minbarra s-setgħa li jagħmel regolamenti lill-Awtorità jew lil kull korp ieħor stabbilit bil-liġi jew lil xi aġenzija tal-Gvern, u meta jkun qiegħed jagħmel delega bħal dik il-Ministru jista' jiddelega setgħat differenti u, jew funzjonijiet lil korpi differenti kif hawn qabel imsemmi:

Iżda meta jkun qiegħed jiddelega setgħat u, jew funzjonijiet bħal dawk il-Ministru jista' jispeċifika l-għan u l-limiti, jekk ikun hemm, ta' delega bħal dik.

(2) L-Awtorità tista' toħroġ kull awtorizzazzjoni ġenerali dwar apparat ta' radjokomunikazzjoni hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi li jkunu koperti minn dawk l-awtorizzazzjonijiet ġenerali:

Iżda kull dritt li jista' jitħallas dwar awtorizzazzjonijiet ġenerali bħal dawk għandu jiġi stabbilit mill-Ministru:

Iżda wkoll il-fakultà li tinħareġ awtorizzazzjoni ġenerali għandha tkun tinkludi l-fakultà li jiġu emendati d-drittijiet, il-kundizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'dawk l-awtorizzazzjonijiet ġenerali.

(3) Meta tkun qegħda toħroġ jew temenda awtorizzazzjoni ġenerali l-Awtorità għandha l-ewwel tippubblika fuq il-website tagħha u, jew fuq kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni, dikjarazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni ġenerali li tkun qegħda tiġi proposta jew ta' kull emenda li tkun qegħda ssirilha, fejn il-partijiet interessati jingħataw l-opportunità jikkummentaw fuq l-awtorizzazzjoni ġenerali li tkun qegħda tiġi proposta jew fuq kull emenda li tkun qegħda ssirilha f'dak iż-żmien li l-Awtorità tqis li jkun raġonevoli.

(4) L-Awtorità għandha tiżgura li kull awtorizzazzjoni ġenerali jew emendi li jkunu qegħdin isirulha jingħataw pubbliċità.

(5) Il-Ministru jkollu jedd jirrevoka jew ibiddel kull awtorizzazzjoni magħmula taħt is-subartikolu (1) u jew kull awtorizzazzjoni magħmula taħt is-subartikolu (2) b'ordni fil-Gazzetta.

Awtorizzazzjonijiet mill-Ministru ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni.

30. (1) Ebda persuna m'għandha, mingħajr ma jkollha liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija bil-miktub mill-Ministru jinstalla jew juża apparat elenkat fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda l-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, b'ordni fil-Gazzetta jemenda l-lista ta' l-apparat li hemm fl-Iskeda.

(2) Il-Ministru jista' jeħtieġ lil xi persuna li –

(a) tkun qegħda tuża xi apparat li japplika għalih dan l-artikolu bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima u, jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat, jew

(b) tkun qegħda tuża jew tippermetti li jintuża dak l-apparat għal frekwenzi mhux awtorizzati,

li tieqaf milli tuża apparat bħal dak u, jew teħtieġ lil dik il-persuna tikkonsenja l-apparat lill-Ministru:

Iżda l-Ministru jista' jissekwestra u, jew iżomm apparat bħal dak u, jew jara li l-użu ta' apparat bħal dak ikun ristrett b'kull mod, taħt dawk il-kundizzjonijiet u għal dak il-perjodu ta' żmien hekk kif il-Ministru jista' jispeċifika meta l-Ministru jsib li dak l-apparat ikun qiegħed jiġi użat bi ksur ta' din it-Taqsima jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat;

Iżda wkoll spejjeż imġarrba mill-Ministru fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan is-subartikolu inklużi s-sekwestru, tiżmim, jew ħażna tkun kif tkun deskritta ta' dak l-apparat, jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Ministru mingħand kull persuna li taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu.

(3) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija taħt dan l-artikolu tista' tinħareġ bla ħsara għal dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet hekk kif il-Ministru jista' jqis li jkunu adatti, partikolarment inklużi limitazzjonijiet dwar l-apparat li jista' jiġi installat jew użat taħt dik il-liċenza individwali u l-postijiet fejn, il-finijiet li dwarhom, iċ-ċirkostanzi li fihom u l-persuni li jista' jintuża l-apparat minnhom:

Iżda liċenza bħal dik tista' tiġi revokata, jew il-pattijiet, il-kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet tagħha jiġu mibdula b'avviż bil-miktub mill-Ministru li jiġi notifikat lid-detentur tal-liċenza individwali jew b'avviż ġenerali, li jkun japplika għal liċenzi individwali tal-klassi li l-liċenza individwali in kwistjoni tkun tappartjeni għalihom, li jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

(4) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija taħt dan l-artikolu għandha, kemm-il darba ma jkunx ġiet qabel revokata mill-Ministru, tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fil-liċenza.

(5) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew li taġixxi bi ksur ta' xi pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet, ikunu kif ikunu deskritti, mehmuża ma' liċenza individwali maħruġa kif hemm f'dan l-artikolu tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn tliet mitt euro (€300) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull apparat; u fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tista' tordna li l-apparat jiġi konfiskat u konsenjat lill-Ministru.

Infurzar.

31. (1) Kull persuna li tkun awtorizzata kif imiss mill-Ministru li taġixxi f'ismu meta jkun qed jeżerċita xi setgħa taħt din it-Taqsima, għandha, meta tintalab minn xi persuna involuta b'dan kollu, turi lil dik il-persuna biex tkun tista' tispezzjonah ċertifikat maħruġ mill-Ministru li jkun jgħid li huwa jkun awtorizzat kif imiss li jaġixxi għal u f'isem il-Ministru.

(2) Fl-eżerċizzju ta' xi setgħa mogħtija taħt din it-Taqsima, il-Ministru jista' jitlob l-għajnuna tal-Pulizija.

(3) Id-diretturi u l-managers, jissejħu kif jissejħu, jew kull persuna oħra li jkunu jew li kienu responsabbli għall-operazzjonijiet jew l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-funzjonijiet superviżorji jew regolatorji tal-Ministru, għandhom jassistu u jikkollaboraw mal-Ministru sabiex huwa jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, u għandhom jiġbru u jwasslu mingħajr ebda dewmien żejjed dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni hekk kif il-Ministru jista' raġonevolment jitlob minn żmien għal żmien.

(4) Kull persuna li tostruwixxi, timpedixxi jew tattakka lil xi persuna li tkun awtorizzata kif imiss mill-Ministru li taġixxi f'ismu fit-twettiq ta' xi setgħa taħt din it-Taqsima, jew li tonqos jew tirrifjuta milli tħares xi ħtieġa taħt din it-Taqsima tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn erba' mitt euro (€400) u mhux iżjed minn tnax-il elf euro (€12,000).

Awtorizzazzjonijiet ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni mill-Awtorità.

32. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw għal kull apparat minbarra dak li japplika għalih l-artikolu 30.

(2) Ebda persuna m'għandha, mingħajr liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija bil-miktub mill-Awtorità, tinstalla jew tuża xi apparat.

(3) L-Awtorità tista' teħtieġ lil xi persuna li –

(a) tkun qegħda tuża apparat bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima u, jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat, jew

(b) tkun qegħda tuża jew tippermetti li jintuża dak l-apparat għal frekwenzi mhux awtorizzati,

li tieqaf milli tuża apparat bħal dak u, jew teħtieġ lil dik il-persuna li tikkonsenja l-apparat lill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità tista' tissekwestra u, jew iżomm apparat bħal dak u, jew tara li l-użu ta' apparat bħal dak ikun ristrett b'kull mod, taħt dawk il-kundizzjonijiet u

għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Awtorità tispeċifika meta l-Awtorità jirriżultalha li dak l-apparat ikun qiegħed jiġi użat bi ksur ta' din it-Taqsima jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat;

Iżda wkoll spejjeż imġarrba mill-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan is-subartikolu inklużi s-sekwestru, tiżmim, jew ħażna jkunu kif ikunu deskritti ta' dak l-apparat, jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand kull persuna li taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu.

(4) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija taħt dan l-artikolu tista' tinħareġ bla ħsara għal dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet hekk kif l-Awtorità tista' tqis li jkunu adatti, partikolarment inklużi limitazzjonijiet dwar l-apparat li jista' jiġi installat jew użat taħt dik il-liċenza individwali u l-postijiet fejn, il-finijiet li dwarhom, iċ-ċirkostanzi li fihom u l-persuni li jista' jintuża l-apparat minnhom:

Iżda liċenza bħal dik tista' tiġi revokata, jew il-pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet tagħha jiġu mibdula b'avviż bil-miktub mill-Awtorità li jiġi notifikat lid-detentur tal-liċenza individwali jew b'avviż ġenerali, li jkun japplika għal liċenzi individwali tal-klassi li l-liċenza individwali in kwistjoni tkun tappartjeni għalihom, li jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

(5) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni għandha, kemm-il darba ma jkunx ġiet qabel revokata mill-Awtorità tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fil-liċenza.

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) m'għandhomx ikunu japplikaw għal xi apparat li jkun regolat b'awtorizzazzjoni ġenerali maħruġa kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

Pieni.

33. Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'din it-Taqsima, kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima, jew ta' kull regolamenti magħmulin taħtha, jew li taġixxi bi ksur ta' xi pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet, ikunu kif ikunu

deskritti, meħmuża ma' liċenza individwali jew ma' awtorizzazzjoni ġenerali, tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn tliet mitt euro (€300) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull apparat: u fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tista' tordna li l-apparat jiġi konfiskat u konsenjat lill-Awtorità kif jista' jkun il-każ.

Riċevituri tax-xandir għas-smigħ biss.

34. M'hi meħtieġa ebda awtorizzazzjoni għal riċevituri tax-xandir għas-smigħ biss.

Il-Ministru jista' jeżenta lil ċerti kategoriji mill-ħtiġiet ta' l-artikolu 32.

35. Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, b'ordni fil-Gazzetta jeżenta lil ċerti kategoriji ta' apparat mill-ħtiġiet ta' l-artikolu 32.

Setgħa li jagħmel regolamenti.

36. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq ta' xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa hawn qabel imsemmija, dawk ir-regolamenti jistgħu partikolarment jipprovdu:

(a) dwar il-mod kif apparat ta' radjokomunikazzjoni jkun kif ikun deskritt għandu jiġi installat, mibjugħ, mikri, operat, miżmum, protett jew kontrollat, u fil-każ ta' xi apparat sekwestrat kif hemm fl-artikoli 30 jew 32, il-mod kif dan għandu jsir minnu u, jew il-ħażna ta' apparat bħal dak;

(b) dwar standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu osservati fir-rigward ta' kull apparat ta' radjokomunikazzjoni;

(ċ) dwar kull aspett li għandu x'jaqsam ma' l-użu tar-radjokomunikazzjoni minn bastimenti merkantili, bastimenti tal-gwerra barranin u inġenji ta' l-ajru li jagħtu servizz inklużi ħtiġiet fuq il-ġarr u l-provdiment ta' installazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni, iż-żamma ta' servizz ta' radjokomunikazzjoni suffiċjenti biex jitħarsu l-finijiet ta' din it-Taqsima u d-dispożizzjonijiet ta' Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew ta' kull regolamenti magħmulin taħtu, l-għamla,

Kap. 234.

is-sustanza jew it-tul ta' żmien ta' kull liċenza biex jinżammu u jintużaw installazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni, ix-xorta ta' l-installazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni li għandhom jiġu provduti, is-servizzi li għandhom jibqgħu jingħataw, u fil-każ ta' bastimenti merkantili l-għadd, il-grad u kwalifiki ta' l-operaturi u persuni li jissorveljaw li għandhom jinġarru u li jkunu jipprovdu għall-eżamijiet ta' operaturi u persuni li jissorveljaw f'każijiet li jkunu neċessarji u għal drittijiet li jitħallsu għal eżamijiet bħal dawk, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ jew ir-rikonoxximent ta' ċertifikati għal operaturi u persuni li jissorveljaw u l-kundizzjonijiet għas-sostituzzjoni, sospensjoni, tħassir, u tibdil fiċ-ċertifikati ta' operaturi u persuni li jissorveljaw:

Iżda ebda bastiment m'għandu jenħtieġ li jġorr iżjed minn operatur wieħed kemm-il darba kienu meħtieġa iżjed minn operatur wieħed taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili:

Iżda wkoll il-Ministru jista' jeżenta, għal kollox jew biss f'parti, mill-obbligazzjonijiet imposti b'din jew taħt din it-Taqsima lil kull bastiment jew klassi ta' bastimenti jekk ikun tal-fehma li, fil-qies tax-xorta ta' vjaġġi li l-bastimenti jagħmlu, jew ċirkostanzi oħra tal-każ, ikun adatt li jsir dan;

(d) li kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jew -

(i) tkun ħatja ta' reat li meta tinsab ħatja tiegħu tista' teħel multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew

(ii) tkun ħatja ta' ksur li dwaru tkun tapplika piena amministrattiva iżda dawk il-pieni m'għandhomx ikunu jeċċedu l-ħamsa u għoxrin euro (€25,000) għal kull ksur u, jew ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej dak il-ksur;

Iżda:

(A) il-proċedura li biha jiġu imposti pieni amministrattivi bħal dawk għandha tkun tippermetti li jiġi eżerċitat id-dritt ta' smigħ qabel ma' jiġu imposti pieni bħal dawk;

(B) il-proċedura li biha jiġu imposti u kontestati pieni bħal dawk għandha tkun dik stabbilita għal pieni imposti mill-Awtorità taħt it-Taqsima VII u t-Taqsima VIII ta' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, u d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att u ta' kull regolamenti magħmulin taħtu dwar proċedura bħal dik għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal penali amministrattivi imposti mill-Ministru taħt din it-Taqsima hekk li kull riferenza għall-Awtorità għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Ministru;

Kap. 418.

(Ċ) fil-każijiet kollha meta l-Ministru jimponi jew l-Awtorità jimponi multa amministrattiva dwar xi ħaġa li ssir jew li tibqa' ma ssirx minn xi persuna u dak l-att jew ommissjoni jkunu jikkostitwixxu wkoll reat kriminali, ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew ebda proċeduri kriminali kontra dik il-persuna dwar dak ir-reat kriminali;

(e) dwar kull aspett tal-forma, sustanza u kemm iddum valida liċenza individwali ta' radjokomunikazzjoni, il-kundizzjonijiet meta għandha tinħareġ u tinżamm liċenza bħal dik, id-drittijiet li jitħallsu għaliha u u n-natura u x-xorta ta' l-apparat awtorizzat mil-liċenza li bastiment Malti li jbaħħar jista' jkun meħtieġ li jikseb biex iżomm u juża installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni;

(f) dwar kull dritt u, jew ħlas, ikun kif ikun deskritt, li jista' jkollu jitħallas għal xi ħaġa regolata minn din it-Taqsima inkluż il-ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenzi jew awtorizzazzjonijiet individwali ta' radjokomunikazzjoni ikunu kif ikunu deskritti, u l-ispezzjoni ta' bastiment għall-fini li jiġi verifikat li dan ikun provdut kif imiss b'installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni u b'operaturi attestati u persuni li jissorveljaw konformement ma' din it-Taqsima;

(g) dwar kull ħaġa li tagħti setgħa lill-Ministru jirregola u jipprovdi għal awtorizzazzjonijiet ġenerali dwar apparat ta' radjokomunikazzjoni;

(h) dwar kull proċedura li jkollha x'taqsam mat-tpaċija ta' tilwimiet li jistgħu jqumu, inkluż kull ftehim bil-miktub li jista' jsir ma' persuna akkużata b'reat taħt din it-Taqsima, u kull ftehim dwar il-ħlas ta' penali minflok prosekuzzjoni għal reat taħt din it-Taqsima, u dan minkejja kull dispożizzjoni ta' din it-Taqsima;

(i) dwar kull ħaġa li tista' tkun meħtieġa għall-fini ta' konformità ma' kull obbligazzjoni internazzjonali li Malta jista' jkollha dwar ir-radjokomunikazzjoni inklużi dawk dwar standards f'Malta:

Iżda il-Ministru jista', meta jkun qiegħed jagħmel xi regolamenti taħt dan l-artikolu li jkollhom x'jaqsmu ma' standards, speċifikazzjonijiet jew ħwejjeġ ta' xorta strettament teknika, jagħmel dawk ir-regolamenti bl-ilsien Ingliż biss.

Eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

37. Il-Prim Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jeżenta mid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima kull apparat ta' radjokomunikazzjoni użat mill-Istat biex jissodisfa l-eżiġenzi tal-ħtiġiet tad-difiża, tas-sigurtà pubblika jew tal-protezzjoni ċivili:

Iżda l-Prim Ministru jista' meta jkun qiegħed jagħmel Ordni taħt dan l-artikolu, jimponi dawk il-

kundizzjonijiet hekk kif jista' jqis li jkunu xierqa. Meta jkun qiegħed jagħmel dawk il-kundizzjonijiet il-Prim Ministru għandu l-ewwel jikkonsulta ruħu ma' l-Awtorità." .

Żjieda ta' Skeda ma' l-Att prinċipali.

**6.** Minnufih wara l-artikolu 52 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali, għandha tiżdied din l-Iskeda li ġejja:

**"SKEDA**

(Artikolu 30(1))

Apparat elenkat taħt l-artikolu 30(1) fejn hi meħtieġa liċenza individwali mill-Ministru:

"(1) Liċenza għar-riċezzjoni tax-xandir użat għar-riċezzjoni ta' stampi viżwali bil-kulur trażmessi bit-televiżjoni.".

## TAQSIMA III

## EMENDA TA' L-ATT GĦAT-TWAQQIF TA' AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Emenda ta' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.
Kap. 418.

**7.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differentii għal dispożizzjonijiet u għanijiet differentii ta' l-Att.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**8.** Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali minnufih wara t-tifsira "utent" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "utent finali" tfisser kull persuna minbarra impriża li tuża jew teħtieġ servizz ta' komunikazzjoni.".

Żjieda ta' l-artikolu 4A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**9.** Minnufih wara l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 4A ġdid li ġej:-

“Konsultazzjoni u mekkaniżmu ta’ trasparenza.

4A. (1) Ħlief dwar –

(a) xi tilwima jew ilment ikunu kif ikunu deskritti li jkunu qegħdin jiġu ttrattati kif hemm f’dan l-Att jew f’xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd li tinforza; jew

(b) l-eżerċizzju ta’ xi setgħat ta’ infurzar ta’ l-Awtorità taħt dan l-Att, jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd li tinforza; jew

(c) dawk il-każijiet fejn l-Awtorità tqis li jkun hemm ħtieġa urġenti ta’ azzjoni biex titħares il-kompetizzjoni u jiġu protetti l-interessi ta’ utenti kif hemm fil-liġijiet Komunitarji,

meta l-Awtorità tkun bi ħsiebha tiddeċidi kif hemm f’xi liġi li hija jkollha jedd tinforza, u meta dik id-deċiżjoni jkollha impatt sinifikanti f’suq għal networks jew servizzi ta’ komunikazzjonijiet, hija għandha tagħmel disponibbli lill-partijiet interessati, dikjarazzjoni tad-deċiżjoni proposta u tagħti lil dawk il-partijiet l-opportunità li jikkumentaw fuq id-deċiżjoni proposta f’dak iż-żmien li l-Awtorità tista’ tqis li jkun raġonevoli.

(2) L-Awtorità għandha tippubblika l-proċeduri ta’ konsultazzjoni tagħha u tistabbilixxi sorsi ta’ informazzjoni unika minn fejn kull konsultazzjoni korrenti tkun tista’ tiġi evalwata.

(3) Ir-riżultat ta’ kull konsultazzjoni taħt dan l-artikolu għandha tkun disponibbli pubblikament mill-Awtorità permezz ta’ dawk il-mezzi li l-Awtorità tqis li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi, ħlief fil-każ ta’ informazzjoni li l-Awtorità tqis li tkun kunfidenzjali.”.

**10.** L-artikolu 29 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta’ l-artikolu 29 ta’ l-Att prinċipali.

(a) wara paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

(g) teħtieġ lil kull persuna titfi, tbiddel, jew tieqaf milli tkompli tuża, xi apparat ta’ radjokomunikazzjoni li ma jkunx konformi ma’ standards ta’ emissjoni

ta' radjazzjoni adottati u li jiġu pubblikati mill-Kummissjoni Internazzjonial għall-Protezzjoni minn Radjazzjoni Non-Jonizzanti (ICNIRP) jew kull standard internazzjonali ieħor li jista' jiġi adottat minn żmien għal żmien, jew li jista' jikkaġuna interferenza dannuża, jew li jsir bi ksur ta' xi ħtieġa stabbilita minn jew taħt l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi jew ta' kull awtorizzazzjoni jew kundizzjoni ta' liċenza dwar ir-radjokomunikazzjoni:

Kap. 418.

Iżda meta l-persuna involuta tonqos milli tħares il-ħtiġiet mitlubin minnha mill-Awtorità taħt dan il-paragrafu, l-Awtorità tista' mbagħad tieħu dawk il-miżuri li hija tista' tqis adatti fiċ-ċirkostanzi inklużi dawk li jintefa jew li jiġi modifikat l-użu ta' xi apparat bħal dak." ;

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "meta tkun qed teżerċita setgħa mogħtija b'dan l-artikolu" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "meta tkun qed teżerċita setgħa mogħtija b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd li tinforza";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "l-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat taħt dan l-artikolu" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "l-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat mogħtija b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd li tinforza"; u

(d) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "fl-eżerċizzju ta' xi setgħa taħt dan l-artikolu;" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "fl-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat mogħtija b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd li tinforza;"; u

(ii) wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) tipprovdi xi informazzjoni lill-Awtorità li hija tista' tkun teħtieġ fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt xi liġi li jkollha jedd li tinforza, li hija

tkun taf, jew ikollha tassew għaliex raġonevolment taħseb li din tkun falza jew qarrieqa;".

Emenda ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

**11.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jew li tonqos milli tħares xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità:" għandhom jidħlu l-kliem "jew li tonqos milli tħares xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità jew xi kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni:".

Żjieda ta' l-artikolu 37A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**12.** Wara l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Osservanza tal-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba.

Kap. 490.

37A. Il-Bord tal-Appelli għandu jirrispetta u japplika l-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba stabbiliti fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.".

Emenda ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

**13.** L-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali li hemm miegħu minflok il-kelma "konsumaturi" għandhom jidħlu l-kliem "utenti finali";

(b) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Utent finali jista' jirriferixxi tilwima ma' impriża lill-Awtorità jekk dik it-tilwima jkollha x'taqsam ma' allegazzjoni ta' nuqqas ta' osservanza minn dik l-impriża ma' xi liġi, deċiżjoni, direttiva jew kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni li l-Awtorità jkollha jedd li tinforza:

Iżda meta tilwima tkun qegħda tiġi riferita lill-Awtorità kif hemm f'dan l-artikolu, l-utent finali għandu juri prima facie illi huwa jkun sofra preġudizzju bħala riżultat dirett ta' l-att allegat ta' nuqqas ta' konformità jew ta' l-ommissjoni ta' l-impriża."; u

(ċ) minflok il-kelma "utent" fis-subartikolu (5) għandhom jidħlu l-kliem "utent finali".

## TAQSIMA IV

## EMENDA TA' L-ATT DWAR IS-SERVIZZI POSTALI

Emenda ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali.

Kap. 254.

**14.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Servizzi Postali, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Servizzi Postali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ f'din it-Taqsima bħala "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differentii għal dispożizzjonijiet u għanijiet differentii ta' l-Att.

Emenda tat-Taqsim ta' l-Att.

**15.** It-"TAQSIM TA' L-ATT" fl-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**16.** Is-subartikolu (2) ta' L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "awtorizzazzjoni" għandu jidħol dan li ġej:

" "awtorizzazzjoni" tfisser kull permess ikun kif ikun deskritt maħruġ kif hemm f'dan l-Att, li jistipula drittijiet u obbligazzjonijiet speċifiċi għas-settur postali u li jippermetti lil operaturi jipprovdu servizzi postali u, meta jkun japplika, jistabbilixxu u, jew joperaw in-networks tagħhom biex jipprovdu dawk is-servizzi fl-għamla ta' awtorizzazzjoni ġenerali jew liċenza individwali kif imfissra taħt dan l-artikolu;";

(b) minflok it-tifsira "awtorizzazzjoni ġenerali" għandu jidħol dan li ġej:

" "awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser awtorizzazzjoni bla ma jittieħed kont ta' jekk tkunx regolata minn 'liċenza ta' klassi' u bla ma jittieħed kont ta' jekk dak ir-regolament ikunx jeħtieġ registrazzjoni jew proċeduri ta' dikjarazzjoni, li ma tkunx teħtieġ li l-operatur postali involut jikseb xi deċiżjoni espliċita mill-Awtorità qabel ma jeżerċita d-drittijiet li joriġinaw mill-awtorizzazzjoni;";

(ċ) fit-tifsira "drittijiet finali" minflok il-kliem "tal-provditur ta' servizz universali" għandhom jidħlu l-kliem "tal-provditur jew provdituri ta' servizz universali";

(d) minflok it-tifsira "ġbir ta' oġġetti postali" għandu jidħol dan li ġej:

" "ġbir ta' oġġetti postali" tfisser il-ħidma ta' ġbir ta' oġġetti postali minn provditur ta' servizz postali;";

(e) minflok it-tifsira "ħtiġiet essenzjali" għandu jidħol dan li ġej:

" "ħtiġiet essenzjali" tfisser raġunijiet ġenerali mhux ekonomiċi li jistgħu jwasslu lill-Awtorità timponi kundizzjonijiet għall-provvista ta' servizzi postali. Dawk ir-raġunijiet huma l-kunfidenzjalità tal-korrispondenza, is-sigurtà tan-network dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi, rispett lejn il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, skemi tas-sigurtà soċjali stipulati bil-liġi jew permezz ta' disposizzjonijiet amministrattivi, jew permezz ta' ftehim kollettiv bejn imseihba soċjali nazzjonali, kif hemm fil-liġi Komunitarja u dik nazzjonali, u meta dan ikun ġustifikat, il-protezzjoni ta' data, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ippjanar reġjonali;";

(f) minflok it-tifsira "kaxxa ta' l-ittri" għandu jidħol dan li ġej:

" "kaxxa ta' l-ittri" tinkludi kull kaxxa fl-għamla ta' kolonna, kaxxa mdaħħla fil-ħajt, u kull kaxxa jew milqgħa oħra provduti f'post aċċessibbli għall-pubbliku bil-permess ta' l-Awtorità bil-għan li fiha jintlaqgħu oġġetti postali biex jinġabru minn operatur postali u jiġu kunsinnati lil persuna indirizzata;";

(g) minnufih wara t-tifsira "kaxxa ta' l-ittri" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kaxxa ta' l-ittri privata" tfisser kull kaxxa, milqgħa jew fetħa li s-sid jew l-okkupant ta' xi fond ikun ipprovda biex fiha jirċievi oġġetti postali indirizzati lejn fond partikolari;";

(h) minflok it-tifsira "liċenza individwali" għandu jidħol dan li ġej:

" "liċenza individwali" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità u li tagħti lil operatur postali drittijiet speċifiċi, jew li tkun tassoġġetta l-operazzjonijiet ta' dak l-operatur għal obbligazzjonijiet speċifiċi li jissupplementaw l-awtorizzazzjoni ġenerali meta dan ikun japplika, meta l-operatur postali ma jkollux jedd jeżerċita d-drittijiet qabel ma jirċievi d-deċiżjoni mill-Awtorità wara li l-operatur ikun applika għal dik l-awtorizzazzjoni;";

(i) minnufih qabel it-tifsira "network postali pubbliku" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "network postali" tfisser is-sistema ta' organizzazzjoni u riżorsi ta' kull xorta użata mill-provditur jew provdituri ta' servizz universali partikolarment għall-għanijiet:

(i) tal-ġbir ta' oġġetti postali koperti minn obbligazzjoni ta' servizz universali minn postijiet ta' dħul ma' Malta kollha,

(ii) ta' direzzjoni u maniġġar ta' dawk l-oġġetti postali mill-post ta' dħul tan-network postali saċ-ċentru ta' distribuzzjoni,

(iii) tad-distribuzzjoni fl-indirizzi murijin fuq l-oġġett postali;";

(j) it-tifsira "network postali pubbliku" għandha titħassar;

(k) fit-tifsira "oġġett reġistrat" minflok il-kliem "bi prova li l-oġġett postali jkun wasal jew ġie konsenjat lil min kien indirizzat;" għandhom jidħlu l-kliem "bi prova li l-oġġett postali jkun wasal u, jew tqassam lill-persuna indirizzata;";

(l) fit-tifsira "operatur postali" minflok il-kliem "kull min ikollu liċenza biex jipprovdi servizzi postali f'Malta" għandhom jidħlu l-kliem "kull min ikollu liċenza biex jipprovdi xi servizz jew servizzi postali kif imfissra f'dan l-Att f'Malta";

(m) minflok it-tifsira “parcel” għandu jidħol dan li ġej:

“ “parcel” tfisser oġġett postali li ma jkunx oġġett ta’ korrispondenza, li ma jkunx jiżen aktar minn għoxrin kilogramma u li jkollu qisien fil-parametri ta’ daqs stipulati f’kull Ftehim dwar Parcels Postali adottat mill-Unjoni Postali Universali hekk kif jista’ jkun emendat minn żmien għal żmien, jew b’kull konvenzjoni oħra li l-Awtorità tista’ tordna;”;

(n) fit-tifsira “posta diretta” għandu jiżdied magħha dan il-proviso li ġej:

“Iżda l-Awtorità għandha tinterpreta l-frażi “għadd sinifikattiv ta’ persuni indirizzati” f’dak li għandu x’jaqsam mal-posta diretta u tippubblika b’avviż fil-Gazzetta u fuq il-website ta’ l-Awtorità, tifsira adatta minn żmien għal żmien;”;

(o) minflok it-tifsira “postijiet ta’ dħul” għandu jidħol dan li ġej:

“ “postijiet ta’ dħul” tfisser faċilitajiet fiżiċi, inklużi kaxxi postali provduti għall-pubbliku sew fit-toroq, postijiet pubbliċi, toroq prinċipali pubbliċi jew fil-fondi tal-provditur jew provdituri ta’ servizz postali fejn oġġetti postali jistgħu jiġu depożitati man-network postali minn mittenti;”;

(p) fit-tifsira “provditur ta’ servizz universali” minflok il-kliem “tfisser l-enti pubblika jew privata li tkun qed tipprovdi s-servizz postali universali fil-medda ta’ Malta” għandhom jidħlu l-kliem “tfisser l-operatur postali pubbliku jew privat li jkun qed jipprovdi s-servizz postali universali jew partijiet minnu ma’ Malta kollha”;

(q) minflok it-tifsira “servizzi postali” għandu jidħol dan li ġej:

“ “servizzi postali” tfisser servizzi li jinvolvu l-ġbir ta’ oġġetti postali, sortjar, trasport u tqassim ta’ oġġett postali:

Iżda l-għoti ta’ servizz ta’ trasport waħdu m’għandux jitqies bħala servizzi postali;”;

(r) minnufih wara t-tifsira "servizzi postali" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizzi provduti b'tariffa għal kull servizz" tfisser servizzi postali li jkollhom tariffa stabbilita taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ġenerali ta' provditur jew provdituri ta' servizz universali għal oġġett postali individwali;";

(s) it-tifsira "skambju ta' dokumenti" għandha titħassar;

(t) minnufih wara t-tifsira "skambju ta' dokumenti" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "skema" kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, tfisser skema ta' servizzi postali li ssir kif hemm fi l-artikolu 76A ta' dan l-Att;";

(u) fit-tifsira "utenti" il-kliem "li tikseb benefiċċju mill-provdiment ta' servizz universali" għandhom jidħlu jidħlu l-kliem "li tikseb benefiċċju mill-provdiment ta' servizz postali".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**17.** Is-subartikoli (2) sa (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru u s-subartikolu (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu kollu.

Tħassir ta' l-artikoli 4 u 4A ta' l-Att prinċipali.

**18.** L-artikoli 4 u 4A ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**19.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għandha persuna biss tipprovdi jew tħaddem servizz postali f'Malta jekk tkun awtorizzata bħala operatur postali kif hemm f'dan l-Att:

Iżda mingħajr preġudizzju għal kull ġeneralità tar-rekwiżit preċedenti, persuna għandha titqies li tkun marret kontra dan is-subartikolu jekk hija -

(a) twettaq xi servizz inċidentali għall-ġarr ta' oġġett postali bi ksur ta' dan is-subartikolu; jew

(b) tibgħat, tgħaddi jew tikkunsinna, bil-għan li jintbagħat, xi oġġett postali bi ksur ta' dan is-subartikolu; jew

(ċ) tiġbor u tgħaqqad oġġetti postali għall-fini li tibgħathom bi ksur ta' dan is-subartikolu.".

**20.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-għoti ta' awtorizzazzjonijiet jista':

(a) jsir fil-każ ta' provditur ta' servizz universali bla ħsara għal obbligazzjonijiet ta' servizz universali, u

(b) f'kull każ, inkluż dak ta' provditur ta' servizz universali:

(i) jekk ikun hekk meħtieġ u ġustifikat, jimponi ħtiġiet li jkunu jirrigwardaw il-kwalità, disponibilità u twettiq tas-servizzi rilevanti,

(ii) meta jkun adatt, ikun bla ħsara għal obbligazzjoni li ssir kontribuzzjoni finanzjarja lejn il-mekkaniżmi parteċipattivi hekk kif jista' jiġi stabbilit kif hemm f'dan l-Att jekk l-għoti tas-servizz universali jkun jinvolvi spiża netta u jkun jirrappreżenta piż xejn ġust fuq il-provditur jew provdituri ta' servizz universali hekk kif jista' jiġi msemmi kif hemm f'dan l-Att,

(iii) meta jkun adatt, ikun bla ħsara għal obbligazzjoni li ssir kontribuzzjoni finanzjarja lill-Awtorità għall-ispejjeż operattivi tagħha,

(iv) ikun bla ħsara għall-kundizzjonijiet li jimponu l-obbligazzjonijiet li ma jinkisrux id-drittijiet esklużivi jew speċjali

mogħtija lill-provditur jew provdituri ta' servizz universali għas-servizzi postali riservati kif imfissra fl-artikolu 20, sakemm l-obbligazzjonijiet taħt it-Tieni Skeda jibqgħu jseħħu.";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jitħassar ;

(ii) il-paragrafi (d), (e), (f) u (g) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (ċ), (d), (e) u (f);

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem "biex iħares kull direttiva mogħtija mill-Awtorità" għandhom jidħlu l-kliem "biex iħares kull direttiva u, jew deċiżjoni maħruġa mill-Awtorità";

(iv) fil-paragrafu (f) tiegħu kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem "li jistgħu jiġu preskritti." għandhom jidħlu l-kliem "li jistgħu jiġu ordnati mill-Awtorità minn żmien għal żmien."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-proċeduri stipulati fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu trasparenti, aċċessibli, mhux diskriminatorji, proporzjonati, preċiżi u mhux ambigwi u għandhom jintgħamlu pubbliċi bil-quddiem u jkunu ibbażati fuq kriterji oġġettivi.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**21.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha tipproċessa l-applikazzjonijiet kollha għal liċenza individwali kemm jista' jkun malajr u, f'kull każ, għandha tgħarraf lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha li tagħti jew tiċħad applikazzjoni fi żmien xahar mid-data meta tirċievi

l-applikazzjoni sħiħa kif imiss u mimlija b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda dak il-perjodu jista' jittawwal mill-Awtorità sa żmien massimu ta' tliet xhur meta applikazzjoni tkun teħtieġ konsultazzjoni bejn l-Awtorità u xi korp governattiv jew awtorità pubblika oħra lokali jew barranija dwar xi aspett ta' l-għoti tas-servizzi postali li tkun saret applikazzjoni għalihom.";

(b) is-subartikoli (2) sa (6) tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(c) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2) tiegħu;

(d) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Meta tiġi riċevuta applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza individwali, l-Awtorità għandha tagħmel pubbliku l-fatt, kif tqis li jkun meħtieġ, li tkun saret dik l-applikazzjoni, filwaqt li tagħti dawk id-dettalji li tista' tqis li jkunu meħtieġa biex kull min ikun irid iressaq xi ilment ikun jista' jagħmel dan f'dak il-perjodu li l-Awtorità tista' tistabbilixxi:

Iżda fil-każijiet kollha, l-Awtorità għandha tagħmel dik l-applikazzjoni pubblika mill-inqas f'żewġ ġurnali lokali u fuq il-website tagħha.

(4) L-applikant għandu, fl-applikazzjoni tiegħu għal liċenza individwali, jispeċifika liema servizz postali jew servizzi jkun qiegħed japplika għalihom u għandu jinkludi flimkien ma' l-applikazzjoni tiegħu kull informazzjoni bħal dik li l-Awtorità tista' tkun teħtieġ:

Iżda f'kull każ l-applikant għandu jipprovdi dik l-informazzjoni li tkun biżżejjed biex turi li huwa jkun qiegħed iwettaq il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-liċenza.

(5) L-Awtorità għandha twassal bil-miktub lill-applikant id-deċiżjoni tagħha li tagħti jew li tiċħad

applikazzjoni għal liċenza individwali u fil-każ ta' ċħid bħal dak l-Awtorità għandha ssemmi xi jkunu l-motivi għaldaqstant.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**22.** Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Tħassir ta' l-artikoli 11 u 12 ta' l-Att prinċipali.

**23.** L-artikoli 11 u 12 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**24.** Minflok l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ebda liċenza individwali ma tista' tiġi trasferita jew assenjata mill-provditur awtorizzat lil xi persuna oħra mingħajr il-kunsens bil-miktub mogħti bil-quddiem ta' l-Awtorità:

Iżda l-Awtorità għandha twassal id-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar minn meta l-provditur awtorizzat jirrikorri lejha bil-miktub għall-kunsens tagħha u, meta jkun qed jagħmel dan, l-Awtorità għandha tiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

(2) Meta l-provditur awtorizzat ikun korp magħqud jew korp ieħor ta' persuni, bdil fil-kontroll tal-proprjetà jew tat-tmexxija ta' dak il-korp tkun tiswa daqs it-trasferiment tal-liċenza individwali, u din għandha sseħħ wara li jingħata l-kunsens ta' l-Awtorità kif hawn qabel imsemmi.

(3) It-trasferiment jew l-assenjament ta' awtorizzazzjoni ġenerali, jew il-bdil fil-kontroll tal-proprjetà jew fit-tmexxija ta' korp magħqud awtorizzat jew ta' xi korp ta' persuni ieħor li jkollu awtorizzazzjoni ġenerali, għandu jiġi minnufih avżat bil-miktub lill-Awtorità.".

Tħassir ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**25.** L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**26.** L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Fl-għoti ta' liċenza taħt dan l-Att, jew f'kull waqt li matulu dik il-liċenza tibqa' valida, il-Ministru jista' wkoll b'avviż legali" għandhom jidħlu l-kliem "Dwar liċenza individwali mogħtija

taħt dan l-Att jew f'kull waqt li matulu dik il-liċenza tibqa' valida, il-Ministru jista' wkoll b'avviż legali"; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "Fl-għoti ta' liċenza taħt dan l-Att, jew f'kull waqt li matulu dik il-liċenza tibqa' valida, il-Ministru jista' b'avviż legali" għandhom jidħlu l-kliem "Dwar liċenza individwali mogħtija taħt dan l-Att jew f'kull waqt li matulu dik il-liċenza tibqa' valida, il-Ministru jista' b'avviż legali".

**27.** L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar. Tħassir ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**28.** L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiġu mħassra u l-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġu enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu kollu;

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) is-subartikoli (3), (4), (5), (6) u (7) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3), (4), (5) u (6);

(d) minflok is-subartikolu (2) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Ministru għandu, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, b'avviż fil-Gazzetta isemmi lil xi operatur jew diversi operaturi postali biex jipprovdu elementi differenti tas-servizz universali u, jew biex ikopru partijiet differenti tat-territorju nazzjonali, u meta jkun qed jagħmel dan il-Ministru għandu wkoll filwaqt li jikkonsulta lill-Awtorità jistabbilixxi l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet li jiġu lilhom assenjati:

Iżda l-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, b'avviż fil-Gazzetta jirtira, jemenda jew jissospendi kull tismija magħmula taħt dan is-subartikolu, iżda qabel ma jidħol fis-seħħ xi rtirar, emenda jew sospensjoni bħal dawk, il-Ministru għandu, meta jkun hekk japplika u wara konsultazzjoni ma'

l-Awtorità, isemmi operatur postali ieħor għar-rigward tas-servizz milqut minn irtirar, emenda jew sospensjoni bħal dawk.";

(e) fis-subartikolu (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, il- paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi mħassar u l-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu kollu;

(f) fis-subartikolu (4) tiegħu kif enumerat mill-ġdid il-kelma "u" fil-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(g) minflok is-subartikolu (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"(5) L-inqas u l-ogħla daqsijiet ta' dawk l-oġġetti postali jkunu dawk stipulati fid-disposizzjonijiet rilevanti adottati mill-Unjoni Postali Universali."; u

(h) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) il-Ministru jista' jassikura l-provdiment ta' servizzi universali billi jipprokura dawk is-servizzi kif hemm fir-regoli u r-regolamenti li japplikaw għall-akkwist pubbliku, bi djalogu kompetittiv jew bi proċeduri negozjati permezz tal-pubblikazzjoni, jew mingħajrha, ta' avviż ta' kuntratt.".

Tħassir ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

**30.** Fl-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "ir-Raba' Skeda" kull fejn dawn jidhru għandhom jidħlu l-kliem "it-Tieni Skeda" u l-kliem "sabiex din tkun tikkonforma ma' l-obbligi internazzjonali ta' Malta" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

**31.** L-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar u s-subartikolu (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu kollu;

(b) l-artikolu 21 kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-prezzijiet għandhom jiġu orjentati fil-kost tagħhom u jagħtu inċentivi għall-provdiment ta' servizz universali effiċjenti;";

(ii) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) bil-kunsens tal-Ministru, l-Awtorità tista' tiddeċidi li għandha tkun tapplika tariffa uniformi ma' Malta kollha għal servizzi provduti b'tariffa għal kull servizz u għal oġġetti postali oħra;"

(iii) minflok il-paragrafi (f) u (g) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(f) kull meta provdituri ta' servizz universali japplikaw tariffi specjali, per eżempju għal servizzi għan-negozji, ġesturi tal-posta bil-grossa jew konsolidaturi tal-posta minn utenti differenti, dawn għandhom japplikaw il-prinċipji ta' trasparenza u ta' ebda diskriminazzjoni kemm għar-rigward tat-tariffi kif ukoll ta' kundizzjonijiet assoċjati:

Iżda t-tariffi flimkien mal-kundizzjonijiet assoċjati għandhom ikunu japplikaw bl-istess mod kemm għal terzi differenti bejniethom kemm bejn terzi u l-provditur tas-servizz universali li jkun qiegħed jipprovdi servizzi ekwivalenti:

Iżda kull tariffa ta' dik ix-xorta għandha tkun ukoll disponibbli għal utenti, partikolarment utenti individwali, impriżi żgħar u ta' daqs medju li jaqgħu taħt kundizzjonijiet simili;

(g) sal-31 ta' Diċembru 2012 sussidjar reċiproku tas-servizzi universali li joħorġu 'l barra mis-settur riservat mid-dħul minn servizzi fis-settur riservat, ikunu projbiti ħlief sal-limitu li jiġi muri

li jkun strettament neċessarju sabiex jiġu onorati l-obbligi speċifiċi ta' servizz universali imposti fl-oqsma kompetittivi.".

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

**32.** L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar.

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2).

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

**33.** Fl-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "it-Tielet Skeda" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-Ewwel Skeda".

Tħassir ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

**34.** L-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

**35.** L-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha tistipula livelli ta' kwalità għall-posta interna u dawk il-livelli għandhom ikunu kompatibbli ma' dawk tal-posta intra-Kommunitarja transkonfini stabbiliti mill-Parlament u l-Kunsill Ewropew.";

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-Awtorità tista' tipprovdi għal eżenzjonijiet minn kull livell ta' kwalità li jista' jiġi stipulat kif hemm f'dan l-Att, jekk hija tkun sodisfatta li jkun hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali dwar l-infrastruttura jew ta' xorta ġeografika li jkunu hekk jeħtieġu.".

Tħassir ta' l-artikoli 26 sa 28 u 30 ta' l-Att prinċipali.

**36.** L-artikoli 26 sa 28 u l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Tħassir ta' l-artikoli 31 u 32 u intestaturi fl-Att prinċipali.

**37.** L-artikoli 31 u 32 u l-intestaturi "Taqsima III Posta Lokali" u "Taqsima IV Posta Barranija" ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

**38.** Minnufih qabel l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandha tiżdied l-intestatura ġdida "Taqsima III Dwana". Żjieda ta' intestatura ġdida.

**39.** Minnufih wara l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Żjieda ta' l-artikoli 35A u 35B ġodda ma' l-Att prinċipali.

"Rkupru ta' dazji tad-dwana.

35A. Meta oġġett postali, li fuqu jitħallas xi dazju tad-dwana, ikun ġie riċevut bil-posta minn xi mkien barra minn Malta, l-ammont ta' dak id-dazju għandu, mingħajr preġudizzju għat-tħaddim ta' xi liġi li taħtha jkun dovut dak id-dazju, ikun jista' jiġi ukoll irkuprat bħallikieku kien xi rata postali taħt dan l-Att.

Dover li għandhom il-kaptani ta' bastimenti li ma jkunx bastimenti tal-valiġġa li jġorru xkejjer tal-valiġġa.

35B. (1) Kull kaptan ta' bastiment, li ma jkunx bastiment tal-valiġġa, li jkun ser jitlaq minn xi port jew post f'Malta lejn xi port jew post lil hinn minn Malta għandu jirċievi abbord kull xkora tal-valiġġa li tingħatalu biex iġorr minn uffiċjal ta' operatur postali, filwaqt li jagħti riċevuta għaliha lil dak l-uffiċjal, u mingħajr ebda dewmien u wara li jkun ħa kull miżura u prekawzjoni meħtieġa għas-sigurtà ta' l-ixkejjer tal-valiġġa, jikkunsinnha lill-awtoritajiet postali tal-port jew tal-post fejn ikollu jasal il-bastiment.

(2) Kaptan ta' bastiment li jirċevi abbord xi xkora tal-valiġġa taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jkollu dritt għal ħlas immedjat ta' dak l-ammont li soltu jitħallas għas-servizz li jingħata taħt dawk il-provvedimenti kif hemm fir-rati stabbiliti mill-Awtorità u li jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2) għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw ukoll għall-ġarr ta' xkejjer tal-valiġġa minn post għall-ieħor ma' Malta kollha.".

**40.** It-Taqsima V ta' l-Att prinċipali għandha tiġt enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima IV tiegħu. Enumerazzjoni mill-ġdid tat-Taqsima V ta' l-Att prinċipali.

**41.** L-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Ministru jkun responsabbli għall-approvazzjoni ta' ħruġ ta' bolli u l-għemil ta' programm dwar il-ħruġ ta' bolli:

Iżda meta jkun qiegħed jagħmel dan il-Ministru għandu jikkonsulta bord konsultattiv dwar il-bolli li jkun kompost minn *chairman* u mhux inqas minn erba' sa tmien membri oħra appuntati mill-Ministru għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, hekk li dik il-ħatra tkun tista' tiġġedded. Bla ħsara għall-ħruġ ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu dwar kif imexxi xogħlu:

Iżda wkoll il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jiddelega l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-artikolu lil uffiċjal pubbliku li ma jkollux grad inqas minn dak ta' direttur fil-Ministeru tiegħu."; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Tħassir ta' l-artikoli 37 u 38 ta' l-Att prinċipali.

**42.** L-artikoli 37 u 38 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Enumerazzjoni mill-ġdid tat-Taqsima VI ta' l-Att prinċipali.

**43.** It-Taqsima VI ta' l-Att prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima V tiegħu.

Tħassir ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

**44.** L-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

**45.** L-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull fond għandu jkun mgħammar mis-sid rispettiv tiegħu jew mill-okkupant b'kaxxa ta' l-ittri privata adegwata sabiex ikunu jistgħu jiġu kunsinnati minn operatur postali ġo fiha oġġetti postali li jkunu indirizzati lejn dak il-fond:

Iżda għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "sid" għandha tinkludi, għal kull proprjetà, lill-amministratur ta' dik il-proprjetà u meta l-proprjetà tkun soġġetta għal xi użufrutt, jew inkella tingħata b'enfitewsi jew sub-enfitewsi, il-frażi għandha titqies li tkun tirreferi għall-

użufruttwarju, l-enfitewta jew is-subenfitewta hekk kif jista' jkun jeħtieġ il-każ." ;

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull sid li jonqos milli jħares d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitt euro (€100):

Iżda l-Awtorità tista', f'ċirkostanzi speċjali, teżenta bil-miktub lil persuni milli jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-operatur postali jista' jirrifjuta milli jikkonsenja xi oġġett postali meta l-fond li dan ikun indirizzat lejh ma jkunx provdut b'kaxxa ta' l-ittri privata kif meħtieġ mis-subartikolu (1) jew il-kaxxa ta' l-ittri privata provduta tkun hekk li l-oġġett postali ma jkunx jista' jitqiegħed fil-kaxxa mill-fetħa fil-kaxxa li tkun biżżejjed wiesgħa għal dak l-għan; u f'każ bħal dak l-operatur postali jista' jreġġa' lura l-oġġett postali lill-mittent, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jqis li jkunu xierqa, jew xort'oħra jittratta b'dan hekk kif jista' jqis li jkun adatt.";

(d) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Operatur postali jista' wkoll jirrifjuta jikkonsenja xi oġġett postali meta l-fond fejn dan ikun indirizzat lejh jista' jkun ta' theddida għas-saħħa u għas-sigurtà personali tal-uffiċjal ta' operatur postali." ; u

(e) is-subartikoli (5) sa (10) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

**46.** L-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar. Tħassir ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

**47.** Fit-test Ingliż tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kelma "*letterbox*" għandha tidħol il-kelma "*letter-box*".

Tħassir ta' l-artikoli 44 to 46 fl-Att prinċipali.

**48.** L-artikoli 44 sa 46 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Tħassir ta' l-intestatura tat-Taqsima VII ta' l-Att prinċipali.

**49.** L-intestatura "Taqsima VII Projbizzjoni" fl-Att prinċipali għandha tiġi mħassra.

Tħassir ta' l-artikoli 47 sa 49 ta' l-Att prinċipali.

**50.** L-artikoli 47 sa 49 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Tħassir ta' l-intestatura tat-Taqsima VIII u ta' l-artikoli 50 to 53 ta' l-Att prinċipali.

**51.** L-intestatura "Taqsima VIII Ġbir tal-pustaġġ li jkollu jitħallas" u l-artikoli 50 sa 53 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Tħassir tat-Taqsima IX u ta' l-artikoli 54 u 55 ta' l-Att prinċipali.

**52.** L-intestatura "Taqsima IX Valiġġi bil-baħar jew bl-ajru" u l-artikoli 54 u 55 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Tħassir ta' l-intestatura tat-Taqsima X u l-artikoli 57 sa 60 ta' l-Att prinċipali.

**53.** L-intestatura "Taqsima X Money u postal orders" u l-artikoli 57 sa 60 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Enumerazzjoni mill-ġdid u emenda ta' l-artikolu 61 ta' l-Att prinċipali.

**54.** (1) L-artikolu 61 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 77A ta' l-Att.

(2) Fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 77A kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 57 u 59;" għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 81;".

Enumerazzjoni u tismija mill-ġdid tat-Taqsima XI ta' l-Att prinċipali.

**55.** It-Taqsima XI ta' l-Att prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima VI u għandha tissemma' mill-ġdid "Reati u Infurzar".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali.

**56.** Minflok l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej -

"Reati li għandhom x'jaqsmu mar-regolamentazzjoni u l-għoti ta' servizzi postali.

62. Kull persuna li -

(a) tattakka jew tostruwixxi jew ma tħallix lil xi uffiċjal, impjegat jew aġent ta' operatur postali fit-twettiq ta' dmirijietu ma' dak l-operatur;

(b) tuża xi servizzi postali, u bħala riżultat ta' dan tagħmel ħsara jew tikkaġuna biża jew inkella tista' tagħti lok għal xi ħsara jew biża;

(ċ) bil-għan li tibgħat xi oġġett postali bil-posta, tuża xi bolla fittizja jew tagħmel ħlas għal dak l-oġġett postali b'bolla li tkun intużat qabel għall-ħlas ta' xi oġġett postali ieħor, jew li tkun xort'oħra ġiet qabel użata għal xi skop ieħor;

(d) mingħajr ebda awtorità leġittima tuża xi siġill, strument jew marka użata mill-Awtorità jew minn operatur postali għat-timbrar ta' xi bolla postali jew biex titwaħħal xi marka oħra;

(e) tqiegħed ġo jew maġenb xi kaxxa ta' l-ittri provduta minn operatur postali għar-riċezzjoni ta' oġġett postali, xi nar jew splussiv, xi sustanza fluwida perikoluża, maħmuġa, noċiva jew li tikkaġuna ħsara, jew tqiegħed xi oġġett ta' fastidju ġo jew maġenb xi kaxxa ta' l-ittri bħal dik, jew tagħmel xi ħaġa li x'aktarx tagħmel ħsara lil kaxxa ta' l-ittri bħal dik jew dak kollu li jkollu x'jaqsam magħha jew il-kontenut ta' ġo fiha;

(f) mingħajr awtorità dovuta twaħħal xi tabella, riklam, avviz, lista, dokument, injama jew ħaġ'oħra f'xi uffiċċju tal-posta jew fuqu, jew tiżbogħ, tgħarraq jew b'kull mod ieħor tisfigura xi uffiċċju tal-posta;

(g) iżżomm bil-forza, ħlief bl-awtorità ta' dan l-Att jew f'konformità ma' ordni mogħtija mill-Awtorità jew minn qorti jew tribunal kompetenti, xi oġġett postali waqt li dan ikun qiegħed jitwassal bil-posta, jew lil xi uffiċjal ta' operatur postali jew xi vettura li tkun qegħda ġġorr xkejjer tal-valiġġa jew oġġetti postali, jew għal xi raġuni, tkun li tkun, tiftaħ xkora tal-valiġġa waqt li din tkun qegħda titwassal bil-posta, jew tonqos milli treġġa' lura xi oġġett postali lil operatur postali kif meħtieġ bil-proviso mal-artikolu 42(d);

(h) tiftaħ b'għemil doluż jew iġġiegħel li jinfetaħ xi oġġett postali li kellu jiġi kunsinnat, jew

b'għemil doluż tagħmel xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali, ma titħalliex issir jew tiġi mdewwma milli ssir, jew tikkomunika jew tagħmel użu minn informazzjoni li tikseb minn oġġett postali li jkun ġie hekk miftuħ;

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' bejn elf euro (€1,000) u ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew priġunerija għal żmien bejn xahar u tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Tħassir ta' l-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali.

**57.** L-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali.

**58.** L-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għandhom biss jinbdew proċedimenti għal reat taħt dan l-Att li jsir minn operatur postali jew minn persuna li tipprovdi servizzi postali:

(a) wara talba bil-miktub mill-Awtorità; jew

(b) wara li jingħata avviż bil-quddiem u bil-miktub mill-awtorità prosekutriċi lill-Awtorità u wara li tingħata risposta bil-miktub mill-Awtorità li għandha tiġi kkunsidrata kif imiss."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "jew taħt regolamenti magħmulin taħtu" għandhom jiġu mħassra.

Tħassir ta' l-artikolu 65 ta' l-Att prinċipali.

**59.** L-artikolu 65 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 66 ta' l-Att prinċipali.

**60.** Minflok l-artikolu 66 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Projbizzjoni ta' twassil bil-posta ta' certi oġġetti.

66. (1) Kull persuna li tibgħat jew tippreżenta, jew tittrasferixxi sabiex jiġu mibgħuta bil-posta xi annimal, jew xi oġġett jew ħaġa ta' liema xorta tkun, jew xi strument li jaqta', inkluż iżda mhux limitat għal xi sustanza splussiva, infjammabbli, perikoluża, maħmuġa, noċiva jew li tikkaġuna ħsara, li x'aktarx tgħarraq jew

tagħmel ħsara lil oġġetti postali oħra waqt li dawn ikunu qegħdin jitwasslu bil-posta jew li jikkaġunaw ħsara fiżika u, jew jheddu b'kull mod lil xi persuna jew persuni tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' bejn elf euro (€1,000) u ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew priġunerija għal żmien bejn xahar u tnax-il xanar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda dik il-piena m'għandhiex tkun tapplika għal oġġetti postali li jkun fihom affarijiet li jkunu ġeneralment jew speċifikament permessi mill-operatur postali involut.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, meta operatur postali jkollu tassew għaliex jaħseb li xi oġġett postali jkun ġie impustat jew intbagħat bil-posta bi ksur tas-subartikolu (1), l-operatur postali għandu jżomm milli jikkunsinna xi oġġett postali suspettuż lill-persuna indirizzata u għandu jirriferixxi l-oġġett postali lill-Pulizija minnufih. L-operatur postali jista', bil-kunsens tal-Pulizija, ireġġa' lura l-oġġett postali lill-mittent jew iwasslu sal-post fejn ikun mibgħut jew jeqirdu jew xort'oħra jiddisponi minn dak l-oġġett kif jista' jkun il-każ. F'kull każ, l-operatur postali għandu jgħarraf lill-Awtorità b'kull oġġett postali suspettuż u b'kull azzjoni mittieħda fir-rigward tiegħu fiż-żmien il-ġurnata tax-xogħol li jmiss.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), kull oġġett postali li jista' jkun raġonevolment suspettat li fih xi splussiv, xi sustanza splussiva, infjammabbli, noċiva, perikoluża jew li tikkaġuna ħsara jew xi ħaġ'oħra li tista' tesponi lil xi persuna għal ħsara fil-persuna għandha tiġi minnufih riferita lill-awtoritajiet kompetenti kif jista' jkun il-każ. L-operatur postali għandu wkoll jgħarraf lill-Awtorità b'dan minnufih.

(4) Meta oġġett postali jkun inżamm milli jiġi kunsinnat taħt is-subartikoli (2) u (3), il-mittent ta' dak l-oġġett jista' jitressaq il-qorti bħallikieku dak l-oġġett ġie ikkunsinnat kif dovut bil-posta.

(5) Fil-każ ta' oġġett postali indirizzat lil xi persuna li legalment ikollha jedd tipprovdi servizzi

ta' xandir tat-televiżjoni f'Malta li jkun jikkonsisti f'materjal awdjoviżiv li jkun ġie impustat jew mibgħut bil-posta biss għall-fini li dan ikun jista' jiġi trażmess bit-televiżjoni kif hemm fid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet dwar ix-xandir, l-operatur postali għandu minnufih jirriferi l-kwistjoni lill-Awtorità li, jekk din tkun sodisfatta li dak l-oġġett ikun ġie impustat jew mibgħut bil-posta għal dak l-għan, għandha tordna lill-operatur postali jikkunsinna dak l-oġġett postali lill-persuna indirizzata mingħajr ebda verifika oħra.".

Tħassir ta' l-artikolu 67 sa 70 ta' l-Att prinċipali.

**61.** L-artikoli 67 sa 70 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Emenda ta' l-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali.

**62.** L-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Reati li għandhom x'jaqsmu mal-valiġġa bil-baħar jew bl-ajru.

71. (1) Kull kaptan ta' bastiment jew pilota ta' inġenju ta' l-ajru li jkollu abbord xi oġġett postali jew xkora tal-valiġġa li jkollha titwassal Malta, għandu, minnufih malli jasal Malta, jara li dak l-oġġett postali jew xkora tal-valiġġa jiġi kunsinnati lil operatur postali li jkkollu jedd jirċevihom:

Iżda jekk l-agent ta' bastiment jew inġenju ta' l-ajru ikun jaf bil-preżenza abbord ta' oġġett postali jew xkora tal-valiġġa bħal dawk, jew li dak l-oġġett jew dik l-ixkora jkunu tneħħew minn fuq dak il-bastiment jew inġenju ta' l-ajru, huwa għandu, mingħajr ebda dewmien, jgħarraf lill-operatur postali involut b'dak il-fatt.

(2) Persuna li taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-artikolu tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' bejn mitejn euro (€200) u elfejn euro (€2,000).".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali.

**63.** Minflok l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Sekwestru ta' oġġetti postali.

73. Jista' uffiċjal tad-Dwana jew tal-Pulizija jissekwestra xkora tal-valiġġa jew xi oġġett postali li jinsab abbord xi bastiment jew inġenju ta' l-ajru f'xi post f'Malta, li fil-konfront tiegħu tkun inkisret xi disposizzjoni ta' dan l-Att, u f'dak il-każ l-uffiċjal għandu wkoll jgħarraf lill-Awtorità b'dak is-sekwestru.".

**64.** L-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Tħassir ta' l-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali.

**65.** L-artikolu 76A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 76A ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "toħroġ dawk id-direttivi li l-Awtorità tqis" għandhom jidħlu l-kliem "toħroġ dawk id-direttivi lil xi operatur postali hekk kif hija tista' tqis";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1) l-Awtorità tista' partikolarment toħroġ direttivi lil provditur ta' servizz universali dwar kull ħaġa minn dawn li ġejjin:

(a) il-kwalità ta' servizzi postali li għandhom jiġu provduti, inkluża l-konformità ma' kull livell ta' kwalità li l-Awtorità tista' tistabbilixxi u kull azzjoni korrettiva li l-Awtorità tista' tqis li tkun meħtieġa f'dan l-aspett;

(b) tiżgura li d-densità tal-postijiet ta' dħul tieħu kont tal-ħtiġiet ta' l-utenti;

(ċ) konformità ma' kull ħtieġa tas-servizzi universali li jistgħu jkunu ta' piż fuq dak il-provditur;

(d) konformità mal-prinċipji msemmija taħt l-artikoli 21 u 22 ta' dan l-Att;

(e) il-mod u ż-żmien li bihom oġġetti postali jistgħu jiġu impustati u kunsinnati, inklużi s-sigħat ewlenin li matulhom l-uffiċċji tal-posta għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku;

(f) it-tneħħija u, jew tiżmim ta' oġġetti postali li għal xi raġuni ma jkunux jistgħu jiġu kunsinnati;

(g) skemi li jappartjenu għas-servizzi postali:

Iżda qabel ma toħroġ xi direttiva taħt dan is-subartikolu l-Awtorità għandha tikkonsulta lill-provditur jew provdituri ta' servizz universali li jkunu involuti u lil stakeholders oħra bħal dawk li l-Awtorità tista' fiċ-ċirkostanzi tqis li jkunu adatti."; u

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "ta' mhux iżjed minn ammont ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23.293.73) u, jew erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87)" għandhom jidħlu l-kliem "li ma tkunx ta' iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), u, jew li ma tkunx ta' iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha l-ħtiġiet ta' direttiva jew deċiżjoni bħal dawk jibqgħu bla ma jiġu osservati.".

Żjieda ta' l-artikolu 76B ġdid ma' l-Att prinċipali.

**66.** Minnufih wara l-artikolu 76A ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Sanzjonijiet amministrattivi.

Kap. 418.

76B. Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra taħt dan l-Att, l-Awtorità tista', kif hemm fid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VII ta' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, timponi dawk is-sanzjonijiet li tista' tqis adatti kif hemm fl-Att hawn qabel imsemmi, fuq kull persuna li taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att:

Iżda kull penali amministrattiva li l-Awtorità tista' tiddeċidi li timponi għall-ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att m'għandha f'ebda każ tkun ta' iżjed minn ħamsa u għoxin elf euro (€25,000) għal kull ksur, u, jew ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha dak il-ksur tibqa' sseħħ.".

Enumerazzjoni mill-ġdid tat-Taqsima XII ta' l-Att prinċipali.

**67.** Taqsima XII ta' l-Att prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima VII.

Tħassir ta' l-artikoli 77 sa 79 ta' l-Att prinċipali.

**68.** L-artikoli 77, 78 u 79 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

**69.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Minkejja kull emenda fl-Att, kull modifikazzjoni, adattament u limitazzjoni f'xi liċenza individwali maħruġa mill-Ministru għandha tibqa' tintgħamel mill-Ministru wara li jikkonsulta ruħu ma' l-Awtorità u għandha tkun ordnata kif hemm fi l-artikolu 81:

Iżda kull modifikazzjoni, adattament u limitazzjoni f'xi liċenza individwali maħruġa wara l-1 ta' Jannar 2010 għandha ssir kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 8 u 9 ta' dan l-Att.".

**70.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 81 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 81 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa hawn qabel imsemmija, dawk ir-regolamenti jistgħu partikolarment jipprovdu:

(a) għal kull ħaġa fuq awtorizzazzjonijiet taħt dan l-Att, inkluż li jiġu stabbiliti ħlasijiet u proċeduri ta' registrazzjoni u ta' dikjarazzjoni, u biex ikun jista' jsir kull depożitu jew tingħata kull garanzija li tassikura t-twettiq ta' xi obbligazzjoni imposta bħala kundizzjoni għal xi awtorizzazzjoni bħal dik;

(b) għall-inqas livelli li għandhom jiġu adottati fl-għoti ta' servizzi postali inkluża l-aċċessibilità u d-daqsijiet ta' kaxxi ta' l-ittri privati u materji li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà, u fil-kuntest ta' servizzi bażiċi li jingħataw għall-varjazzjoni fil-ħtiġiet konnessi mas-servizzi postali universali li għandhom jiġu provduti;

(ċ) għall-aħjar protezzjoni ta' l-interessi ta' utenti tas-servizzi postali u għat-twaqqif ta' kull kriterju jew proċedura li għandhom jiġu segwiti minn operaturi postali fit-trattament ta' lmenti;

(d) għall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta f'kull prattika, operazzjoni u attività dwar servizzi postali;

(e) għall-impriża ta' investigazzjoni fuq kull ħaġa dwar servizzi postali regolati minn jew taħt dan l-Att u l-għoti u, jew it-tiżmim ta' kull informazzjoni, il-ħruġ ta' direttivi jew linji gwida għall-pubbliku, lil operaturi postali, u lil entitajiet kummerċjali fuq materji dwar servizzi postali;

(f) għat-tħaris ta' kull obbligazzjoni internazzjonali li jidħol fiha l-Gvern dwar kull aspett ta' servizzi postali regolati minn jew taħt dan l-Att inkluż li jinġiebu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ta' kull konvenzjoni, ftehim jew regolament, ikunu kif ikunu deskritt, tal-Unjoni Postali Universali jew ta' xi amministrazzjoni postali barra minn Malta u li jistgħu jkunu japplikaw għal Malta;

(g) biex jiġi regolamentat kull aspett tas-servizzi postali dwar is-servizzi universali fuq il-ħin, il-mod, il-post u l-kundizzjoni li bihom jew taħthom għandhom jiġu provduti dawk is-servizzi u inkluż kull mekkaniżmu ta' finanzjar sabiex jiġi żgurat l-għoti ta' dawk is-servizzi;

(h) fil-każ ta' servizzi riżervati, għar-rati ta' pustaġġ u l-ħlasijiet postali li għandhom jitħallsu, il-klassifikazzjoni, l-iskala ta' piżijiet, id-dimensjonijiet, u l-pattijiet u l-kundizzjonijiet l-oħra, li l-oġġetti postali jkunu ser jitwasslu permezz tagħhom jew kif soġġetti għalihom;

(i) fil-każ ta' servizzi universali, għall-ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ u ta' ħlasijiet postali fuq oġġetti postali u jipprovdu l-mod kif għandu jsir dak il-ħlas bil-quddiem;

(j) fil-każ ta' servizzi universali, għall-pustaġġ u l-ħlasijiet postali li għandhom jitħallsu fuq oġġetti postali meta l-pustaġġ u l-ħlasijiet postali ma jkunux imħallsa bil-quddiem jew ikunu mħallsa bil-quddiem mhux biżżejjed;

(k) biex oġġetti postali jkunu jistgħu jingħataw direzzjoni mill-ġdid, u t-twassil bil-posta ta' l-oġġetti li jkunu ġew hekk diretti mill-ġdid, sew bla ebda ħlas

sew jekk soġġetti għal dak il-ħlas ulterjuri li jista’ jiġi speċifikat fir-regolamenti;

(l) dwar il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li oġġetti postali jkunu soġġetti għalihom biex ikunu jistgħu jiġu reġistrati u assigurati, u l-kumpens li għandu jitħallas għat-telfien ta’ dawk l-oġġetti jew il-ħsara li ssir fihom;

(m) għat-twassil bil-posta bla ħlas ta’ dawk in-notamenti jew informazzjoni oħra li tista’ tiġi speċifikata permezz ta’ regolamenti;

(n) għall-mod u l-kundizzjonijiet li jkun hemm fi, u li soġġett għalihom, money orders, postal orders, credit cards u strumenti simili, ikunu kif ikunu deskritti, biex permezz tagħhom jintbagħtu l-flus jistgħu jiġu maħruġin, jiġu mħallsa u mħassra, ir-rati ta’ kummissjoni li għandhom jinġabru fuqhom u l-ġbir ta’ rati addizzjonali ta’ kummissjoni jew ħlasijiet;

(o) wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għad-Dwana, għall-modifika jew eċċezzjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att, ta’ l-applikazzjoni għal oġġetti postali li jiġu riċevuti minn barra l-pajjiż ta’ kull liġi jew regolamenti li jkunu f’dak iż-żmien iseħħu dwar id-Dwana, għall-fini li tiġi żgurata, fil-każ ta’ dawk l-oġġetti postali, l-osservanza ta’ dawk il-liġijiet u regolamenti;

(p) biex l-uffiċjali ta’ operatur postali jkunu jistgħu jwettqu, għall-fini tal-liġijiet tad-dwana, id-dmirijiet kollha jew xi dmirijiet ta’ l-importatur u l-esportatur;

(q) għall-Awtorità biex ikollha s-setgħa li timponi penali amministrattivi jew sanzjonijiet oħra fuq operatur postali li jaġixxi bi ksur ta’ xi disposizzjoni ta’ dan l-Att jew ta’ kull regolamenti jew direttivi magħmulin taħtu u biex jipprovdu dwar il-proċedura għall-imposizzjoni u l-infurzar ta’ dawk il-penali u dawk il-proċeduri jistgħu jinkludu provvedimenti li jkunu jistipulaw li dawk il-penali għandhom jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Iżda l-penali amministrattivi li jkun hemm provdut dwarhom b'regolamenti jew direttivi magħmulin taħt dan l-artikolu m'għandhomx ikunu jaqbżu l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) għal kull reat u ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolamenti magħmulin taħtu jew ta' xi awtorizzazzjoni jibqgħu bla ma jiġu osservati;

(r) għall-kustodja, provvista, bejgħ u użu ta' bolol u kartolerija postali, inkluż il-bejgħ ta' dawk il-bolol u kartolerija postali għal għanijiet filateliċi u l-ġbir ta' ħlasijiet adatti konnessi magħhom, u għall-użu ta' franking machines għall-fini li jiġi mmarkat il-ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ minflok ma jitwaħħlu l-bolol, u sabiex tiġi ordnata l-proċedura li għandha tiġi użata għall-approvazzjoni ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-bolol għall-ħatra ta' kull Bord relatat ma' dan kollu;

(s) biex jiġi ordnat li kull persuna li taġixxi bi ksur ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att tkun ħatja ta' reat u biex jiġu stabbiliti l-pieni li persuna bħal dik tista' teħel:

Iżda piena bħal dik m'għandha tkun akbar minn multa ta' iżjed minn għaxart elef euro (€10,000);

(t) biex jiġi ordnat il-mod kif avviż, strument, att jew dokument meħtieġa jew awtorizzati b'dan jew taħt dan l-Att jistgħu jiġu notifikati jew mogħtija;

(u) biex jiġi ordnat kull ma jista' jew hu meħtieġ li jiġi ordnat b'dan l-Att.".

Tħassir ta' l-Ewwel u t-Tieni Skedi, enumerazzjoni mill-ġdid tat-Tielet u r-Raba' Skedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali.

**71.** L-Ewwel u t-Tieni Skedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra filwaqt li t-Tielet u r-Raba' Skedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-Ewwel u t-Tieni Skedi li jinsabu miegħu.

Emenda ta' l-Ewwel Skeda kif enumerata mill-ġdid li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**72.** L-Ewwel Skeda kif enumerata mill-ġdid li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok l-artikolu 1 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

“1. (a) Sal-31 ta’ Diċembru 2012 u bla ħsara għall-artikolu 23 ta’ dan l-Att u kif jista’ jkun hemm fid-direttivi li l-Awtorità tista’ toħroġ, il-provditur jew provdituri ta’ servizz universali għandhom iżommu kontijiet separati fis-sistema ta’ kontijiet tagħhom, għal kull wieħed mis-servizzi u l-prodotti li jaqgħu fis-settur riżervat min-naħa waħda u s-settur mhux riżervat min-naħa l-oħra. Dawk is-sistemi ta’ kontijiet interni għandhom joperaw biss abbażi ta’ prinċipji ta’ kontijiet tal-kost li jkunu konsistentement applikati u oġġettivament ġustifikabbli.

(b) Bla ħsara għall-artikolu 23 ta’ dan l-Att u kif hemm f’kull direttiva li l-Awtorità tista’ toħroġ, il-provditur jew provdituri ta’ servizz universali għandu jżomm kontijiet separati fis-sistema ta’ kontijiet li jkollu, għal kull wieħed mis-servizzi u l-prodotti li jiffurmaw parti mis-servizz universali min-naħa waħda u dawk li m’humiex min-naħa l-oħra. Dik is-sistema ta’ kontijiet interna għandha topera abbażi ta’ prinċipji ta’ kontijiet tal-kost li jkunu konsistentement applikati u oġġettivament ġustifikabbli.” ;

(b) l-artikolu 2 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

i) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem “għas-servizzi l-oħra.” għandhom jidħlu l-kliem “għas-servizzi l-oħra sal-31 ta’ Diċembru 2012 u għal kull wieħed mis-servizzi universali u, min-naħa l-oħra għas-servizzi l-oħra mill-1 ta’ Jannar 2013.”;

ii) minnufih wara s-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

“(iv) spejjeż komuni, li huma meħtieġa għall-provdiment ta’ kemm servizzi universali u servizzi mhux universali, għandhom jiġu allokat hekk kif ikun adatt; għandhom jiġu applikati l-istess cost drivers kemm għal servizzi universali u għal servizzi mhux universali.” ;

(ċ) l-artikolu 7 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 8 tiegħu; u

(d) minnufih wara l-artikolu 6 tiegħu għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"7. L-Awtorità tista' teħtieġ lil provdituri ta' servizz postali li jkunu obbligati jikkontribwixxu lejn fond ta' kumpens jintroduċu separazzjoni ta' kontijiet adatta li tkun tiżgura li l-fond jiffunzjona.".

Emenda tat-Tieni Skeda kif enumerata mill-ġdid li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**73.** L-artikolu 3 tat-Tieni Skeda kif enumerata mill-ġdid li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

## TAQSIMA V

## EMENDA TA' L-ATT DWAR IL-KOMUNIKAZZJONIJIET U TRANSAZZJONIJIET ELETTRONIĊI

Emenda ta' l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi.

Kap. 426.

**74.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differentii ta' l-Att.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**75.** Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali t-tifsira "provditur ta' servizz" għandha tiġi mħassra.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz hu biex iħassar l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, u jemenda diversi liġijiet oħra dwar is-setturi tal-komunikazzjoni infurzati mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, inkluż l-Att dwar is-Servizzi Postali, l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to repeal the Radiocommunications Act and to amend various laws relating to communications and to make provision with respect to matters ancillary thereto or connected therewith.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:

Short title and commencement.

**1.** (1) The short title of this Act is the Communications Laws (Amendment) Act, 2009.

